MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Numru 272/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Frangisku Attard**
***-- omissis --***

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva originarjament kontra Frangisku Attrdd (bin Ganni u Karmena nee Xerri, imwieled ix-Xewkija, Ghawdex, fid-29 ta’ Awissu 1951, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 56351G) u Carmel Vella talli (**1**) fl-1 ta’ Awissu 2000, ghall-habta tad-9.25 ta’ filghaxija fuq il-moll tal-Mgarr, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew gabulha dizordni f’mohha, u cioe` kkagunaw ferita [recte: offiza] ta’ natura gravi (ksur fir-ras) fuq Maurice Hili mix-Xewkija, skond kif iccertifika t-tabib tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex Dott. P. Muscat; u

aktar (**2**) talli fl-istess zmien u cirkostanzi volontarjament bil-lejl kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju 2001 (fol. 147), li permezz taghha l-istess Avukat Generali baghat lill-imputati biex jigu ggudikati sommarjament u indika, ghall-finijiet ta' htija, l-Artikoli 214, 216 u 338(m)(dd) tal-Kodici Kriminali;

Rat il-kunsens tal-imputati, registrat fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2001, sabiex huma jigu gudikati mill-Qorti Inferjuri flok jghaddu guri;

Rat is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2008, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Frangisku Attard hati skond l-ewwel kif ukoll skond it-tieni imputazzjoni (u kkwotat a propositu l-Artikoli 216(1)(ii)[1], u 338(m)(dd) tal-Kodici Kriminali) u kkundannatu sena prigunerija sospiza ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, kif ukoll ikkundannatu ammenda komplessiva ta' mija u sittax-il ewro u sitta w erbghin centezmu (€116.46); dik l-istess qorti, pero`, illiberat lil Carmel Vella mill-ewwel imputazzjoni u sabitu hati biss skond it-tieni imputazzjoni, u kkundannatu ammenda ta' €116.46;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Frangisku Attard, minnu pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza; rat li Carmel Vella ma appellax;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008; ikkunsidrat:

L-aggravju tal-appellant huwa, bazikament, li l-ewwel qorti malament sabitu hati, u dan peress li l-provi li kellha quddiemha "ma kienux iwasslu fil-grad li trid il-ligi ghal sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet dedotti" kontra tieghu. Hu jikkontendi in partikolari li ma ppartecipa b'ebda mod

[1] Recte: 216(1)(a)(ii).

fil-glieda li fiha safa ferut Hili, u kullma ghamel kien li jipprova jikkalma s-sitwazzjoni u jferraq lil min kien qed jiggieled. Ghalhekk, dejjem skond l-appellant, la kien hemm f'dan il-kaz l-element materjali tar-reat li jwassal ghal offiza gravi, u fi kwalunkwe kaz u sussidjarjament, ma kienx hemm fih (cioe` fl-appellant) l-element formali rikjest ghar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba – naturalment limitatament ghal dak li jirrigwarda l-appellant odjern – u hija tal-ferma konvinzjoni, bhalma neccessarjament kienet l-ewwel qorti, li kien l-appellant Frangisku Attard li mbotta, b'mod aggressiv, lil Maurice Hili b'tali mod li l-istess Hili waqa', habat rasu u qasamha. Dan jirrizulta mhux biss mid-deposizzjoni cara ta' Maurice Hili moghtija fl-4 ta' Jannar 2001 (ara, in partikolari, fol. 58: *"Laqatni go wicci, tghidlix fejn, dak il-hin kont stordut u tefghani mir-rampa ghal isfel, ghal go l-art."*) kif ukoll in kontro-ezami a fol. 211 sa 225 (ara in partikolari fol. 219 u 220), izda wkoll mid-deposizzjonijiet ta' PC 1120 Anthony Stellini (fol. 24 *et seq.*) u l-Ispettur Maurice Curmi (fol. 28 *et seq.*). Mill-kumpless tal-provi, inkluzi d-deposizzjonijiet tad-diversi persuni li kienu fuq il-moll jew fuq il-vapur fil-hin tal-incident[2], jirrizulta car li l-glieda bdiet bejn Carmel Vella u l-imsemmi Hili, pero` wara ndahal Carmelo Attard, u aktar tard l-appellant ukoll. Kien hemm membri ohra tal-familja Attard li marru biex jaggredixxu lil Hili. Ma hemmx dubbju wkoll li b'dak li ghamel l-appellant, il-hsieb tieghu kien li jaghmel xi forma ta' hsara lil Hili. Isegwi, ghalhekk, li huwa ghandu jirrispondi ghall-hsara kollha li rrizultat direttament minn eghmilu, u cioe` mill-fatt li huwa waqqa' lil Hili mal-art. Mill-provi – u in partikolari mid-deposizzjonijiet tal-Kirurgu Anthony Zrinzo (fol. 161 *et seq.*) u tal-Konsulent Dott. Alexander Lapira (fol. 178 *et seq.*) – jirrizulta li b'rizultat dirett tal-waqa' Hili sofra offiza ta' natura gravi kemm fit-termini tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 216 (offiza li tista' ggib perikolu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem), kif ukoll fit-termini tal-

[2] Ara, in partikolari, d-deposizzjoni ta' Angelo Mejlaq tat-28 ta' Marzu 2001, fol. 139-140, li fiha huwa bazikament ikkonferma d-deposizzjoni li kien precedentement ta fil-kors ta' l-*in genere*, fol. 107.

paragrafu (d) tal-imsemmi subartikolu (offiza gravi *per durata*). Ghalhekk l-aggravju principali tal-appellant, u cioe` li l-ewwel qorti malament sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni, qed jigi respint.

Aggravju iehor ta’ l-appellant hu li hu ma setax jinstab hati tar-reat kontemplat fil-paragrafu (m) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9, u dan peress li ma ngabet ebda prova li seta’ kien hemm xi nies li l-mistrieh taghhom jinkiser bl-incident li sehh fuq il-moll tal-Mgarr, Ghawdex, ftit wara d-9.00 ta’ filghaxija tal-1 ta’ Awissu 2000. L-appellant ghandu ragun. Apparti d-distanza bejn fejn gara l-incident u l-abitat, li jaghmel tali disturb ferm improbabbli anke li kieku l-incident sehh f’nofs il-lejl jew fil-hinijiet bikrin ta’ filghodu, id-deskrizzjoni tal-incident hi tali, li ghalkemm jinghad li kien hemm xi ghajjat, gegwigija jew kommozzjoni, certament ma jistax jinghad li hemm l-estremi ta’ din il-kontravvenzjoni.

Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma’ l-appellant li anqas ma hemm l-estremi tar-reat kontemplat fil-paragrafu (dd) tal-imsemmi Artikolu 338 – ksur tal-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Galadarba, kif fuq imfisser, jirrizulta li l-appellant ippartecipa attivament fil-glieda li wasslet biex Hili jsofri offiza gravi volontarja fuq il-persuna tieghu, isegwi neccessarjament li kien hemm l-estremi ta’ dan ir-reat kif spjegati fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Mejju 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri**.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament kif gej, u cioe` billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta’ dik il-parti tat-tieni imputazzjoni in kwantu giet maghmula tipotizza r-reat kontemplat fil-paragrafu (m) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9 kif ukoll in kwantu kkundannat lill-appellant ammenda ta’ €116.46, u minflok tikkundannah ammenda ta’ tmienja w hamsin ewro (€58), konvertibbli f’hamest ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` in kwantu sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni (cioe` li kkaguna offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta’ Maurice Hili), in kwantu sabitu hati ta’ dik il-parti tat-tieni

imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fil-paragrafu (dd) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll in kwantu kkundannatu sena prigunerija sospiza ghal sena. Il-periodu operattiv ta' sena tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mil-lum.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------